1. That in the writ of Summons, the plaintiffs after having premised that they had to participate in a fair which had to be held in Dubai, between the 24th November 1992 to the 30th November 1992, and whereas the plaintiffs had agreed between themselves, to put the products they had to exhibit in one container, and whereas the representative of the company Louis Bartoli and Sons Limited, had appointed the company Norasia Agencies (Malta) Limited, in their capacity of agents for Norasia Lines, to transport this container with the plaintiff's merchandise so that the same can be used in the fair indicated, and whereas the plaintiffs were informed by the same Norasia Agencies (Malta) Limited that in order that the said merchandise arrive in Dubai on the date of the fair, they were going to carry it on the ship 'Norasia Singha' which had to leave Malta, on the 4th November 1992 and whereas subsequently towards the end of October 1992, the plaintiffs were informed that this ship was not available because it was involved in a collision, and whereas on the 29th October 1992, the plaintiffs where informed that the defendants Norasia Agencies (Malta) Limited had found another vessel which was going to Dubai, on the same dates of the preceeding vessel and whereas subsequently the defendant Norasia Agencies (Malta) Limited found another vessel which was going to Dubai, on the same dates of the preceeding vessel, and whereas subsequently the defendant Norasia Agencies (Malta) Limited, prepared all the necessary documents for the transport of the merchandise,

…omissis…

And whereas when the representative of the plaintiff

and Sons Limited wasal Dubai circa, l-20 ta' Novembru hu ġie informat li l-container ma kienx wasal Dubai u minn riċerki li saru rriżulta li l-container qatt ma kien tgħabba fuq il-vapur, u kien għadu ġewwa l-Freeport f'Malta, … omissis… u billi l-atturi soffrew danni konsistenti fl-ispejjeż żejda inkorsi sabiex iġorru l-merkanzija fuq imsemmija għal Dubai fi żmien utili biex ilaħħqu l-fuq imsemmija fiera. Jgħidu l-istess konvenuti flimkien jew min minhom għaliex m'għandhiex din il-Qorti; 1. Tiddikjara l-poloz tal-karigu emessi mill-konvenuti kif fuq ingħad bħala foloz, qarrieqa u mhux veritijieri, 2. konsegwentement tiddikjara responsabbli lill-istess konvenuti għad-danni kollha sofferti mill-atturi minħabba l-fatt tal-emissjoni tal-istess poloz; kif ukoll minħabba n-nuqqas tal-istess konvenuti li jġorru u jikkonsenjaw il-merkanzija tal-atturi fi żmien stipulat, 3.tillikida l-istess danni okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi, 4. tikkundanna lill-konvenuti jħallsu d-danni likwidati. Bl-imgħax kummerċjali sad-data tal-pagament dovut. Bl-ispejjeż u bl-inġunzjoni tal-konvenuti għas-subizzjoni.

2. Illi fin-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenuti Carmelo Galea u Alfred Pollacco nomine ġie eċċepit illi, 1. in linea preliminari n-nuqqas ta' ġurisdizzjoni ta' din il-Qorti stante l-klawsola arbitrali li hemm fil-Bill of Lading. 2. Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju għall-ewwel eċċezzjoni fuq mogħtija, t-talbiet tal-atturi in kwantu diretti kontra l-eċċipjenti nomine huma infondati fil-fatt u fid-dritt …omissis…

3. Illi kien minħabba nuqqas u traskuraġini tas-soċjetà l-oħra konvenuta li l-merkanzija de quo ma tgħabbietx fuq il-vapur rappreżentat mil-eċċipjenti noe …omissis…, 4. Illi l-eċċipjenti nomine rrifondew il-freight imħallsa lilhom għal din il-merkanzija lis-soċjeta' konvenuta l-oħra …omissis….

5. Illi f'kull każ kien dover tal-atturi nomine li jimminimizzaw id-danni fiċ-cirkostanzi …omissis...

6. Illi f'kull każ anki kieku l-eċċipjenti noe kienu b'xi mod responsabbli għad-danni reklamati mill-atturi noe, li mhumiex, huma kienu biss responsabbli għas-CIF Value, la s-soċjetà Valletta Freight Services Limited u lanqas is-soċjetà estera United Arab Shipping Company, ma jistgħu qatt jiġu ritenuti responsabbli għal xi Danni oħra konsegwenzjali kif qed jippretendu l-atturi noe jew għal xi spejjeż żejda li ġew inkorsi mingħajr l-approvazzjoni tal-eċċipjenti noe.

7. Salvi eċċezzjonijiet oħra.

3…omissis…

4. Illi b'sentenza tagħha tat-28 ta' Novembru 2008, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, iddeċidiet billi 1. illiberat is-soċjetà

company Louis Bartoli and Sons Limited, arrived in Dubai, circa the 20th November he was informed that the container had not arrived in Dubai and from searches carried out it resulted that the container had never been loaded on the vessel, and was still in the Freeport in Malta, …omissis…and whereas the plaintiffs suffered damages consisting in extra expenses incurred to transport the merchandise above mentioned to Dubai in a reasonable time to be available for the above fair. The same defendants together or either of whom are to state why this Court should not; 1. Declare the bills of lading issued by the defendants as above stated as false, deceitful and not truthful, 2. consequently declare responsible the same defendants for all the damages suffered by the plaintiffs due to the fact of the issuing of the same policies, as well as because of the fault of the same defendants to transport and deliver the merchandise to the plaintiffs within the the time stipulated, 3. liquidate the same damages if the necessary by the appointment of referees, 4.condemn the defendants to pay the damages liquidated. With commercial interest, till the date of the payment due. With costs and the defendants are summoned so that a reference to their evidence be made.

2. That in the note of pleas of the defendants Carmelo Galea and Alfred Pollacco nomine it was pleaded that, 1. in the first place the lack of jurisdiction of this Court due to the arbitration clause there is in the Bill of Lading. 2. That subordinately and without prejudice to the first plea raised the demands of the plaintiffs in so far as they are directed against the interpellant nomine are unfounded in fact and at law…omissis…

3. That it was because of the fault and carelessness of the other defendant company, that the merchandise de quo was not loaded on the vessel represented by the interpellants noe …omissis... That the interpellants noe refunded the freight paid to them for this merchandise to the other defendant company …omissis...

5. That in any case it was the duty of the plaintiffs nomine to minimize the damages in the circumstances …omissis…

6. That in any case even if the interpellants were in any manner responsible for the damages claimed by the plaintiffs noe, but they are not, they were only responsible for the CIF Value, nor the company Valletta Freight Services Limited and nor the foreign company United Arab Shipping Company, can be held responsible for any other consequential Damages as the plaintiffs noe are expecting or for any extra expenses which were incurred without the approval of the interpellants noe.

7. Saving other pleas.

3…omissis…

4. That by its judgement of the 28th November 2008, the First Hall Civil Court, decided by 1. freeing the

konvenuta Norasia Lines mill-osservanza tal-ġudizzju; 2. ċaħdet l-eċċezzjonijiet tas-soċjetà Norasia Agencies (Malta) Limited u Valletta Freight Services Limited proprio et nomine, fit-totalità tagħhom, 3. iddikjarat il-poloz tal-karigu emessi mill-konvenuti Norasia Agencies (Malta) Limited u Valletta Freight Services Limited, bħala foloz qarrieqa u mhux veritjieri. 4. konsegwentement iddikjarat responsabbli lis-soċjetajiet konvenuti Norasia Agencies (Malta) Limited, Valletta Freight Services Limited u United Arab Shipping Company (S.A.G) għad-danni kollha sofferti mis-soċjetà attriċi. 5. Illikwidat l-istess Danni fis-somma ta' Lm4,700. Ikkundannat lill-konvenuti Norasia Agencies (Malta) Limited u Valletta Freight Services Limited u United Arab Shipping Company (S.A.G) sabiex solidalment bejniethom iħallsu lis-soċjetajiet attriċi is-somma ta' Lm4,000.00 filwaqt li tikkundanna lis-soċjetà Norasia Agencies (Malta) Limited waħedha sabiex tħallas lis-soċjetajiet attriċi s-somma ta' Lm700, bl-ispejjeż tal-kawża kontra l-konvenuti Norasia Agencies (Malta) Limited u Valletta Freight Services Limited u United Arab Shipping Company (S.A.G. in solidum bejniethom ad eċċezzjoni tal-ispejjeż tas-soċjetà Norasia Lines li għandhom jiġu sopportati mis-soċjetà Norasia Agencies (Malta) Limited.

5. Illi l-esponenti appellanti nomine ħassew ruħhom aggravati b'din is-sentenza u konsegwentement qed jinterponu dan l-umli appell minnha.

6. Illi l-aggravji tal-esponenti appellanti nomine huma ċari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti; 1. li s-sentenza appellata kkundannat lill-konvenuti noe li jħallsu somma f'munita li m'għadhiex legal tender f'Malta. 2. L-Ewwel Qorti lliberat mill-osservanza tal-ġudizzju lis-soċjetà Norasia Lines meta qatt ma kien hemm xi eċċezzjonijiet f'dan is-sens. 3. L-Ewwel Qorti ċaħdet fit-totalità tagħhom l-eċċezzjonijiet tas-soċjetà esponenti appellanti u dan a bażi ta' apprezzament kompletament żbaljat tal-fatti u provi miġjuba quddiemha. 4. Illi l-esponenti appellanti nomine ma messhomx ġew ikkundannati jbagħtu d-danni in solidum mas-soċjetà konvenuta l-oħra. 5. Subordinatament f każ ta' danni da liquidarsi, l-imgħaxijiet qatt ma jiddekorru mid-data tan-notifika taċ-ċitazzjoni kif ġie ordnat fis-sentenza appellata imma mid-data tas-sentenza finali li tillikwida tali danni.

7. Illi dwar l-ewwel aggravju, l-Ewwel Qorti kkundannat lill-appellanti in solidum mas-soċjetà Norasia Agencies (Malta) Limited biex tħallas l-ammont ta' Lm4,000 u dan meta l-Lira Maltija m'għadhiex 'legal tender' f'Malta. Għalhekk is-sentenza appellata f'kull każ hija nulla u ma tistax tiġi eżegwita.

8. Subordinatament dwar it-tieni aggravju l-Ewwel Qorti lliberat is-soċjetà konvenuta Norasia Lines mill-osservanza tal-ġudizzju, mingħajr ma kien hemm xi eċċezzjoni f'dan is-sens, da parti tas-soċjetà Norasia Lines stess jew tal-aġent tagħha.

defendant company Norasia Lines from the observance of the judgement; 2. rejected the pleas of the company Norasia Agencies (Malta) Limited and Valletta Freight Services Limited propio et nomine in their entirety, 3.declared the bills of lading issued by the defendants Norasia Agencies (Malta) Limited and Valletta Freight Services Limited as false, deceitful and not true. 4. consequently declare responsible the defendant companies Norasia Agencies (Malta) Limited, Valletta Freight Services Limited and United Arab Shipping Company (S.A.G) for all the damages suffered by the plaintiff company. to pay the plaintiff the sum of Lm4,000.00. Condemned the Norsia Agencies (Malta) Limited solely to pay the plaintiff the sum of Lm700, with costs of the case againsts the defendants Norasia Agencies (Malta) Limited u Valletta Freight Services Limited and United Arab Shipping Company (SAG) 5. Liquidated the same damages in the sum of Lm4,700. condemned the defendants Norasia Agencies (Malta) Limited and Valletta Freight Services Limited and United Arab Shipping Company (S.A.G.) so that in solidum between them, with the exception of the expenses of the company Norasia Lines which are to be borne by the company Norasia Agencies (Malta) Limited.

5. That the interpellants appellants nomine, felt aggrieved by this judgement and consequently are humbly filing this appeal there from.

6. That the grievances of the interpellants appellants nomine are clear and manifest and consist in the following; 1. that the judgement appealed condemned the defendant noe to pay a sum in a currency which is not legal tender in Malta. 2. The Court of First Instance freed from the observance of the judgement the company Norasia Lines when there was never any plea in this sense. 3. The Court of First Instance rejected in their entirety the pleas of the interpellant appellant company and this on the basis of a completely mistaken appreciation of the facts and proof brought before it.4. That the interpellants appellants, nomine should not have been condemned to bear the damages in solidum with the other defendant company. 5. Subordinately in case of damages to be liquidated, the interests never ran from the date of service of the writ of summons, as ordered in the judgement appealed but from the date of final judgement, which liquidates such damages.

7. That as regards the first grievance, the Court of First Instance condemned the appellants in solidum with the company Norasia Agencies (Malta) Limited to pay the amount of Lm4,000.00 and this when the Maltese Lira is no longer 'legal tender' in Malta. Thus the judgement appealed in any case is null and cannot be executed.

8. Subordinately regarding the second grievance the Court of First Instance, freed the defendant company Norasia Lines from the observance of the judgement, without their being any plea in this sense, on the part of the company Norasia Lines or its agent.

9. Illi mhux talli ma kienx hemm eċċezzjoni f'dan is-sens izda kif jingħad fis-sentenza appellata stess (a fol 11) 'Iktar minn hekk is-soċjetà konvenuta Norasia Agencies (Malta) Limited, fin-nota ta' sottomissjonijiet ippreżentata minnha, qiegħda, tipponta subgħajha wkoll lejn il-prinċipal tagħha u ċioè Norasia Lines għax qed issostni li hija aġixxiet fit-terminu tal-Mandat li kellha.

10. Fl-istess sentenza mbagħad l-Ewwel Qorti ma reġgħetx semmiet lil Norasia Lines, ħlief meta waslet biex takkorda d-danni, u hemm hekk sempliċement ikkonkludiet …omissis... a bażi ta' dan biss allura l-Ewwel Qorti kkonkludiet illi kellha tillibera lis-soċjetà Norasia Lines mill-osservanza tal-ġudizzju.

11. Illi bid-dovut rispett apparti illi l-esponenti jidrilhom illi l-Ewwel Qorti ma setgħet qatt tillibera lis-soċjeta konvenuta Norasia Lines mill-osservanza tal-ġudizzju mingħajr ma saret eċċezzjoni 'ad hoc' f'dan is-sens … omissis…

12. Illi l-fatt li s-soċjetà Norasia Lines ġiet liberata mill-osservanza tal-ġudizzju jeffettwa l-esponenti appellanti serjament meta wieħed jieħu in konsiderazzjoni kif l-Ewwel Qorti allokat il-ħlas tad-danni solidalment bejn it-tlett soċjetajiet konvenuti u ċioè Norasia Agencies (Malta) Limited, Valletta Freight Services Limited u l-USAC.

13. Illi dwar it-tielet aggravju u ċioè illi l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament tal-fatti żbaljati l-esponenti appellanti jibdew biex jirrilevaw illi huwa fatt ben saput illi din l-Onorabbli Qorti tal-Appell ma tkunx trid tiddisturba dak li ġie deċiż mill-Ewwel Qorti meta din tal-aħħar tkun ibbażat is-sentenza tagħha l-iżjed fuq apprezzament ta' fatti.

14. Fl-ewwel lok rigward l-eċċezzjoni ta' nuqqas ta' relazzjoni ġuridika eżistenti bejn is-soċjetà attriċi u s-soċjetà esponenti appellanti.

…omissis…

18. Illi fit-tieni lok, fl-eċċezzjonijiet tagħhom l-esponenti appellanti eċċepew illi m'għandhomx jiġu dikjarati responsabbli għal dak li ġara u ċioè għall-fatt illi l-containers ma waslux fid-destinazzjoni tagħhom Dubai stante li huma qatt ma kellhom kontroll fuq il-containers in kwistjoni.

…omissis…

23. Illi dwar it-tielet aggravju l-Ewwel Qorti wara li sabet lill-esponenti appellanti responsabbli għad-danni sofferti mill-attriċi, illikiwidat id-danni fis-somma ta' Lm4,000 u kkundannat lill-konvenuti Norasia Agencies (Malta) Limited, Valletta Freight Services Limited u United Arab Shipping Company (S.A.G.) sabiex solidalment bejniethom iħallsu d-danni hekk likwidati. Kif ukoll ikundannat lis-soċjetà

9. Not only was there no plea in this sense but as stated in the judgement itself (a fol 11) 'More than that, the defendant company Norasia Agencies (Malta) Limited, in the note of submissions presented by it, points out to its principal and namely Norasia Lines because it is upholding that it acted within the terms of the Mandate it had.

10. In the same judgement then the Court of First Instance, did not mention again the Norasia Lines, except when it came to grant the damages, and there it simply concluded …omissis… on the basis of this alone the Court of First Instance concluded that it had to free the company Norasia Lines, from the observance of the judgement.

11. That with due respect apart that the interpellants areof the opinion that the Court of First Instance, could never have freed the defendant company Norasia Lines from the observance of the judgement without a plea 'ad hoc' being made in this sense …omissis…

12. That the fact that the company Norasia Lines was freed from the observance of the judgement affects the interpellant appellants seriously when one takes into consideration how the Court of First Instance attributed the payment of damages in solidum between the three defendant companies and namely Norasia Agencies (Malta) Limited, Valletta Freight Services Limited and the USAC.

13. That as regards the third grievance and namely that the Court of First Instance made a wrong appreciation of the facts, the interpellant appellants, start to point out that this Honourable Court of Appeal will not want to disturb what was decided by the Court of First Instance when the latter has based its judgement mostly on an appreciation of facts.

14. In the first place, regarding the plea of lack of a juridical relationship between the plaintiff company and the interpellant appellant company.

…omissis…

18. That in the second place, in their pleas the interpellant appellants pleaded that they should not be held responsible for what happened and namely the fact that the containers did not arrive in their destination in Dubai because they never had any control on the containers in question.

…omissis…

23. That as regards the third grievance the Court of First Instance after finding the interpellants appellants, responsible for the damages suffered by the plaintiff company, liquidated the damages in the sum of Lm4,000.00 and condemned the defendants Norasia Agencies (Malta) Limited, Valletta Freight Services Limited and United Arab Shipping Company (S.A.G.) so that in solidum between them they pay the damages so

konvenuta l-oħra waħedha għall-ħlas ta' Lm700 f'danni.

24. Illi apparti l-aggravju dwar in-nullità tas-sentenza minħabba li kkundannat ħlas f'munita li mhux legal tender f'Malta l-esponenti appellanti l-ewwel nett jissottomettu illi huma qatt ma taw il-kunsens tagħhom sabiex il-merkanzija in kwistjoni tintbagħat fid-destinazzjoni tagħha permezz ta' l-arju. Fil-fatt dan l-arranġament sar bi ftehim bejn is-soċjetà attriċi u s-soċjetà l-oħra Norasia Shipping Agencies (Malta) Limited u għalhekk se mai hija s-soċjetà Norasia li għandha tagħmel tajjeb għal dawn id-danni.

…omissis…

27. Illi mbagħad l-esponenti appellanti ma jistgħux jifhmu x'urġenza impellenti kien hemm biex jintbagħat dan il-materjal għall-fiera promozzjonali li minnu mhux neċessarjament kien ikun hemm xi gwadann għall-esebituri jew għall-pajjiż …omissis…

28. Finalment u dwar il-ħames u l-aħħar aggravju hu prinċipju ormai stabilit fil-ġurisprudenza nostrana li meta f'kawża għad-danni tintalab somma da liquidarsi l-imgħax jibqa' dejjem jiddekorri fuq l-ammont eventwalment likwidat mid-data tas-sentenza li fiha meta jiġi likwidat u qatt ma jiddekorri mid-data tan-notifika taċ-ċitazzjoni kif ġie ordnat fis-sentenza appellata.

29. Għaldaqstant l-esponenti appellanti nomine, filwaqt li jagħmlu riferenza għall-provi prodotti u jirriżervaw li jġibu kull prova oħra skont il-liġi, u filwaqt li jġibu kull garanzija skont il-liġi, jitolbu bir-rispett li fl-ewwel lok din il-Qorti jogħgobha tannulla, s-sentenza appellata, għax ikkundannat lill-konvenuti appellanti, li jagħmlu ħlas f'munita li mhix 'legal tender' aktar f'Malta, u fin-nuqqas tirriforma s-sentenza appellate tat-28 ta' Novembru 2008, fl-ismijiet fuq indikati billi jekk stess tiġi konfermata fejn laqgħet it-talbiet attriċi fil-konfront tas-soċjetà konvenuta l-oħra Norasia Agencies (Malta) Limited, tiġi revokata fejn ċaħdet l-eċċezzjonijiet tas-soċjetajiet Valletta Freight Services Ltd u United Arab Shipping Company (S.A.G) u li tilqa' t-talbiet l-oħra kontenuti fir-rikors.

Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-atturi noe, appellati u/jew il-konvenuti l-oħra appellati jew min minnhom, skont ma jidrilha xierqa din il-Qorti fiċ-ċirkostanzi.

Appellanti: 95-102, Xatt l-Għassara ta' Għeneb, Marsa.

Appellati: Ivan Bartoli, 406, Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar.

Reġistru tal-Qrati Superjuri (Appelli) illum 18 ta' Ġunju 2009.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

liquidated. As well as condemned the other defendant company alone to pay Lm700 in damages.

24. That apart from the grievance regarding the nullity of the judgement because there was a condemnation for payment in a currency which was not legal tender in Malta, the interpellants appellants in the first place submit that they never gave their consent so that the merchandise in question be sent to its destination by air. In fact this arrangement was made by agreement between the plaintiff company and the other company Norasia Shipping Agencies (Malta) Limited and thus if ever the company Norasia should bear these damages.

…omissis…

27. That then the interpellants appellants cannot understand what was the grave urgency there was so that this material be sent to the promotional fair, from which there was not necessarily going to be any gain for the exhibitors or the country…omissis…

28. Finally and regarding the fifth and last grievance it is now an established principle in our jurisprudence, that when in a cause for damages a sum to be liquidated is demanded, the interest, shall continue to run on the amount eventually liquidated, from the date of the judgement when it is liquidated and never runs from the date of the service of the writ of summons as ordered in the judgement appealed.

29. Thus the interpellant appellants nomine, whilst referring to the proof already produced and reserving to bring forward any other proof according to law, and whilst bringing any guarantee according to law, pray with respect in the first place that this Court annuls the judgement appealed, because it condemned the defendant appellants, to pay in a currency which is no longer 'legal tender ' in Malta, and in default reform the judgement appealed of the 28th November 2008, in the names above indicated by if it is confirmed, whereby it upheld the plaintiff's demands against the other defendant company Norasia Agencies (Malta) Limited, it be revoked whereby it rejected the pleas of the companies Valletta Freight Services Ltd and United Arab Shipping Company (S.A.G.) and uphold the other demands contained in the application.

With costs of both instances, against the plaintiffs noe, respondents and/ or the other defendants or either of whom, as appears fit to this Court in the circumstances.

Appellants: 95-102, Wine Pressers Wharf, Marsa.

Respondents: Ivan Bartoli, 406, St Paul's Street, Saint Paul's Bay.

Registry of the Superior Courts (Appeals) today 18th June 2009.

ADV. DR FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1054

B'dan l-Avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti Ċivili Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja fis-26 ta' Mejju 2009, Rikors Numru 362/2009, minn Lydia Vassallo, fejn talbet li tiġi ddikjarata miftuħa favur tagħha u ta' ħuha Anthony Mizzi fi kwota ta' nofs (1/2) indiviż kull wieħed u waħda minnhom is-suċċessjoni ta' missierha Carmelo Mizzi, armel minn Esther Mizzi neè Micallef, iben il-mejtin Salvatore Mizzi u Maria Mizzi neè Zahra, imwieled l-Imsida, kien joqgħod Pietà u miet tal-Qroqq limiti tal-Imsida fit-3 ta' Marzu 2008 ta' 77 sena u li kellu karta tal-identità bin-numru 0821030(M) u miet bla testment.

Kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex b'nota jagħmel l-oppożizzjoni tiegħu a tenur tal-Artikolu 537 (1) et seq tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Reġistru tal-Qorti Ċivili Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja.

Illum 18 ta' Ġunju 2009

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali

By means of an application filed in Civil Court of Voluntary Jurisdiction Section, on the 26th May 2009, Application number 362/2009 by Lydia Vassallo, whereby she prayed that it be declared open in her favour and in favour of her brother Anthony Mizzi in the quota of one half undivided share between them the succession of their father Carmelo Mizzi, widower of Esther Mizzi neè Micallef, son of the late Salvatore Mizzi and Maria Mizzi neè Zahra, born in Imsida, lived in Pietà and died in Tal-Qroqq, limits of Imsida on 3rd March 2008, intestate, aged 77, holding identity card number 0821030(M).

Thus whoever considers that he has an interest is called so that by means of a note he enters his opposition according to Article 537(1) et seq of the Code of Organization and Civil Procedure (Cap. 12).

Registry of the Civil Court Voluntary Jurisdiction Section.

Today 18th June 2009

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar Civil Court and Tribunals

1055

B'dan l-Avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti Ċivili Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja fit-2 ta' Ġunju 2009, Rikors Numru 381/2009, mill-avukat Dott. Robert Tufigno nomine, talab li tiġi ddikjarata miftuħa favur Jessica A Sullivan u Daniel, aħwa Camilleri, ulied id-decuius, u dan fi kwota ta' nofs (1/2) indiviż kull wieħed u waħda minnhom is-suċċessjoni ta' Alphonse Camilleri, ġa divorzjat minn ma' Kathleen A Camilleri, iben Joseph Camilleri u Catherine Camilleri, imwieled Malta, kien jgħix ġewwa North Huntingdon Township, Westmoreland County Pennsylvenia, l-Istati Uniti tal-Amerika fejn miet fit-30 ta' Lulju 2007 ta' 59 sena u li kellu numru tas-sigurtà soċjali tal-Amerika 158-38-8829 u miet bla testment.

Kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex b'nota jagħmel l-oppożizzjoni tiegħu a tenur tal-Artikolu 537 (1) et seq tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Reġistru tal-Qorti Ċivili Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja.

Illum 18 ta' Ġunju 2009

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali

By means of an application filed in Civil Court of Voluntary Jurisdiction Section, on the 2nd June 2009, Application number 381/2009 by Advocate Dr Robert Tufigno nomine, whereby he prayed that it be declared open in favour of Jessica A Sullivan and Daniel, brothers and sisters Camilleri, children of the decuius, in the quota of one half undivided share between them the succession of Alphonse Camilleri, previously divorced from Kathleen A Camilleri, son of the Joseph Camilleri and Catherine Camilleri, born in Malta, resided in North Huntingdon Township, Westmoreland, County Pennsylvenia, United States of America where he died on the 30th July 2007, intestate, aged 59, holding the number of the social services of Amercia 158-38-8829.

Thus whoever considers that he has an interest is called so that by means of a note he enters his opposition according to Article 537(1) et seq of the Code of Organization and Civil Procedure (Cap. 12).

Registry of the Civil Court Voluntary Jurisdiction Section.

Today 18th June 2009

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar Civil Court and Tribunals

1056

B'digriet mogħti fit-8 ta' Mejju 2009, fl-atti tal-Avviż Numru 34/2007 MM, fl-ismijiet Perit Carmel Mifsud Borg vs Kurt Farrugia, il-Qorti tal-Appell, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Kurt Farrugia, a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors, ippreżentat fil-Qorti tal-Appell (Inferjuri) fl-atti tal-Avviż Numru 34/2007/MM, Perit Carmel Mifsud Borg vs Kurt Farrugia, fit-13 ta' April 2009, l-attur Carmel Mifsud Borg (KI 984948M) espona bir-rispett:

1. Fir rikors tal-esponent tat-13 ta' Frar 2007, ippremetta li l-allegazzjonijiet kontenuti fit-titolu tal-Artikolu intitolat 'PN Donation from government paid telephone line' ippubblikat fis-sit elettroniku www.maltastar.com tal-11 ta' Diċembru 2006, tal-liema pubblikazzjoni l-konvenut huwa l-editur, huma libelluži u malafamanti fil-konfront tal-esponent u għandhom bħala skop li jittellfu jew inaqqsu r-reputazzjoni tiegħu;

2. Għalhekk l-esponent talab mill-Qorti:

dikjarazzjoni li l-allegazzjonijiet fuq imsemmija huma libelluži u malafamanti fil-konfront tal-esponent u għandhom bħala skop li jtellfu jew inaqqsu r-reputazzjoni tiegħu;

kundanna tal-konvenut għall-ħlas lill-esponent ta' dik is-somma li tiġi likwidata minnha ai termini tal-Artikolu 28 tal-Kap. 248 tal-Liġijiet ta' Malta bl-ispejjeż u bl-imgħax legali kontra l-konvenut inġunt għas-subizzjoni.

3. Fin-nota tal-eċċezzjonijiet tiegħu, il-konvenut eċċepixxa li:

il-pubblikazzjoni msemmija mill-esponent mhijiex libelluża fil-konfront tiegħu;

il-fatti msemmija fl-Artikolu indikat mill-esponent evidentement jikkonsistu f'rappurtaġġ ġurnalistiku dwar materja ta' interess pubbliku aċċettabbli f'soċjetà demokratika …omissis…

fejn tikkontjeni kummenti jew opinjonijiet il-pubblikazzjoni in kwistjoni tikkonsisti wkoll f'espressjoni tal-opinjoni u apprezzament jew value judgement tal-ġurnalist u hija fair comment …omissis…

B. Sentenza tal-Ewwel Qorti.

4. Illi b'sentenza mogħtjia fit-23 ta' Marzu 2009, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) iddeċidiet il-kawża billi ċaħdet it-talba tal-esponent, bl-ispejjeż kontra tiegħu.

By means of a decree given on the 8th May 2009, in the records of the Notice Number 34/2007 MM, in the names Architect Carmel Mifsud Borg vs Kurt Farrugia, the Court of Appeal, ordered the following publication for the purpose of service of Kurt Farrugia, in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

By means of an Application filed in the Court of Appeal (Inferior Jurisdiction) in the records of the Notice Number 34/2007 MM, Architect Carmel Mifsud Borg vs Kurt Farrugia, on the 13th April 2009, the plaintiff Carmel Mifsud Borg (ID Number 984948M) pleaded with respect:

1. In the application of the interpellant of the 13th February 2007, he premised that the allegations contained in the title of the Article entitled 'PN Donation from government paid telephone line' published on the eletronic site www. maltastar. com of the 11th December 2006, of which publication the defendant is the editor is libellous and defamatory in regard of the interpellant and has the purpose to damage or reduce his reputation;

2. Thus the interpellant asked the Court;

for a declaration that the allegations above mentioned are libellous and defamatory as regards the interpellant and have the purpose to damage or reduce his reputation.

condemn the defendant to pay the interpellant that sum that shall be liquidated by it in terms of Article 28 of Cap. 248 of the Laws of Malta with costs and legal interest against the defendant summoned so a reference to his evidence be made.

3. In his note of pleas the defendant pleaded that;

the publication mentioned by the interpellant is not libellous in his regard;

the facts mentioned in the Article indicated by the interpellant evidently consist in journalistic reports regarding a matter of public interest acceptable in a democratic society …omissis..

where it contains comments or opinions the publication in question consist also in expressions of opinion or appreciation or value judgement of the journalist and is fair comment …omissis...

B. Judgement of the Court of First Instance.

4. That by means of a judgement of the 23rd March 2009, the Court of Magistrates (Malta) decided the cause by rejecting the demand of the interpellant, with costs against him.

5. Illi l-esponent ħass ruħu aggravat b'din is-sentenza u li minnha qed jinterponi Appell quddiem din l-Onorabbli Qorti.

6. Illi l-aggravju huwa ċar u manifest u jikkonsisti filli l-Ewwel Onorabbli Qorti għamlet apprezzament tal-provi miġjuba a konjizzjoni tagħha b'mod errat, fil-mod kif, mill-provi akkwiżiti l-imsemmija Qorti wasslet għall-konklużjoni li fil-każ de quo ma kien jirriżulta ebda konnessjoni bejn il-konvenut u s-sit elettroniku www.maltastar.com … omissis…

Illi jiġi sottomess u dan dejjem bid-dovut rispett versu l-Ewwel Onorabbli Qorti, il-bażi tal-provi miġjuba a konjizzjoni tal-imsemmija Qorti – kemm da parti tal-esponent appellanti u kemm da parti tal-konvenut, issa appellat, il-Qorti ta' l-Ewwel grad kellha tippronunzja ruħha diversament għar-rigward tat-talba attriċi, billi tirriġetta l-eċċezzjonijiet sollevati mill-konvenut u takkolji t-talba kif promossa.

C. Ir-'Ratio Deċidendi Tal-Ewwel Qorti.

7. Sintetikament il-konsiderazzjoni li wasslet lill-Ewwel Qorti għad-deċiżjoni tagħha kienet tgħid illi minn imkien ma jirriżulta xi konnessjoni bejn l-Artikolu u l-konvenut, kemm fil-kopja tal-Artikolu esebit mill-esponent u lanqas minn xi prova oħra prodotta mill-istess esponent.

D. L-Aggravju.

8. L-aggravju tal-esponent huwa s-segwenti.

Illi, l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament sbaljat tal-fatti li rriżultaw mill-provi prodotti, partikolarment dawk il-provi li stabbilew rabta bejn il-konvenut u l-artikolu mertu ta' din il-kawża, u dawn irriżultaw kemm mill-provi tal-esponent kif ukoll mir-risposta tal-konvenut, liema konnessjoni ma kinitx kontestata b'mod mill-istess konvenut.

Għaldaqstant, dan huwa każ fejn din l-Onorabbli Qorti għandha iddisturba d-diskrezzjoni tal-Ewwel Onorabbli Qorti. Dan għaliex ġeneralment in-nuqqas ta' disturb, kemm ta' apprezzament ta' fatti u kemm għal dak li jikkonċerna l-apprezzament tal-provi jkun jevidenzja deċiżjoni ġusta u ekwa meta meħudha fit-totalità tagħha…omissis... l-appellant huwa tal-umli fehma illi l-każ odjern jinneċessità indaġini mistħarrġa kemm ta' provi u kemm ta' liġi u prinċipji applikabbli għalih …omissis... din l-Onorabbli Qorti għandha tkun konvinta li l-apprezzament magħmul mill-Ewwel Qorti kien tant zbaljat li jekk d-deċiżjoni titħalla fl-istat preżenti, ikun qed jiġi arrekat preġudizzju u kreata inġustizija.

E. Sostenn tal-Aggravju.

5. That the interpellant felt agrrieved by this judgement and from which he is humbly filing an Appeal before this Court.

6. That the grievance is clear and manifest and consists in that the Honourable First Court made a bad appreciation of the facts brought to its notice, mistakenly, in the manner, how from the proof brought the Court arrived to the conclusion that in the case de quo there resulted no connection between the defendant and the eletronic site www.maltastar.com … omissis…

That it is submitted and this with the due espect towards the Honourable Court of First Instance , the basis of the proof brought to the Notice of the said Court – both on the part of the applicant appellant and both on the part of the defendant, now respondent, the Court of First Instance had to decide differently as regards the plaintiff's demand, by rejecting the pleas raised by the defendant and upholding the demand as brought forward.

C. The 'Ratio Decidendi ' of the First Court.

7. In brief the consideration which brought about the First Court to decide so stated that from nowhere did there result any connection between the Article and the defendant, both in the copy of the Article exhibited and the applicant and nor from any other proof produced by the applicant.

D. The Grievance.

8. The grievance of the applicant is the following .

That, the Court of First Instance made a bad appreciation of the facts which resulted from the proof produced, particulary those proofs which established a bond between the defendant and the article merit of this cause, and these resulted broth from the proof of the applicant as well as the reply of the defendant, which connection was not contested by the same defendant.

Thus, this is a case whereby this Honourable Court should disturb the discretion of the Court of First Instance. This because generally the lack of disturbance, both of the appreciation of facts and that regarding the appreciation of proof would indicate a just and equitable decision when taken as a whole …omissis… the appellant is of the humble opinion that in the present case requires a serious examination both of proof and of law and principles applicable to it … omissis… this Honourable Court should be convinced that the appreciation made by the Court of First Instance, was so mistaken that if a decision is left in the present state, there shall be be caused a prejudice and an injustice created.

E. In support of the Grievance.

9. L-esponent jirrileva illi fir-rikors tiegħu tat-13 ta' Frar 2007, huwa indika lill-konvenut bħala editur tas-sit elettroniku www.maltastar.com.

10. Illi fis-seduta tal-21 ta' Marzu 2007, ...omissis… il-konvenut ċaħad illi kien debitur tal-istess u stqarr illi kien qed jikkontesta l-kawża de quo fejn kien diġà għamel l-eċċezzjonijiet tiegħu.

11. Fil-fatt hekk għamel il-konvenut u dan permezz ta' risposta tat-12 ta' Marzu 2007.L-esponent jirrileva illi l-eċċezzjonijiet imressqa mill-konvenut jirrigwardaw biss il-mertu tal-kawża in eżami …omissis… Barra minn hekk, jirriżulta mill-atti tal-kawża illi l-konvenut qatt ma kkontesta r-rabta tiegħu bejn l-artikolu pubblikat u hu … omissis…

12. L-esponent umilment jissottometti illi l-Att dwar l-Istampa (Kap. 248 tal-Liġijiet ta' Malta) mkien ma jikkontjeni provvediment li jagħmilha tassattiv illi, preordinatament għall-prova tal-fatt allegat dwar il-malafama, l-attur għandu jġib prova dwar min kien l-editur tal-kumment stampat jew imxandar …omissis…

13. Dan premess l-esponent jissottometti illi għalkemm huwa minnu illi tibqa' esiġenza loġika tan-norma proċedurali a tenur tal-Artikolu 562 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta hekk kif ikkonsidrat l-Ewwel Qorti illi l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss dejjem lil min jallega.

14. Fil-każ in esami però l-prova li dwarha jinsisti l-konvenut li kellha tingieb mill-esponent, tista' tkun assunta. Fil-fatt kif jirriżulta kjarament mill-atti tal-kawża il-konvenut ma ta ebda eċċezzjoni dwar ir-rabta tiegħu bejn l-Artikolu u hu. ...omissis..

15. Għaldaqstant, l-esponent umilment jissottometti illi hemm aliunde mill-inferenza presuntiva u dan għaliex ġaladarba l-konvenut stess ma ikkontrastax, b'debita eċċezzjoni l-fatt li huwa ma kienx editur kif indikat mill-esponent fil-ftuħ ta' dawn il-proceduri, allura ma kien hemm l-ebda oġġett ta' prova x'tingieb in kwantu dawn il-fatti kellhom jitqiesu paċifiċi.

16. …omissis…

17. Għaldaqstant 'il-prinċipju tal-oneru tal-prova f'dan il-kuntest jiddependi mir-riżultanzi istruttorji kollha tal-proċess ottenuti bi kwalsijasi mod, legalment aċċettabbli u indipendement ad istanza ta' min fost il-partijiet.' ..omissis…

Għalhekk, skont din l-Onorabbli Qorti 'xejn ma hu eskluż, lanqas il-fatt illi l-konvenut taċitament akkweixxa u a tempo debito dak li issa qed jivventila bħala mankanza ta' prova'

9. The applicant points out that in his application of the 13th February 2007, he indicates the defendant as editor of the eletronic site www.maltastar.com.

10. That during the sitting of the 21st March 2007 … omissis… the defendant denied that he was a debtor of the same and declared that he was contesting the case de quo whereby he had already filed his pleas.

11. In fact he defendant did so and this by means of a reply of the 12th March 2007. The applicant points out that the pleas brought forward by the defendant refer only to the merit of the cause in examintation…omissis.. Apart from that, it results from the records of the cause that the defendant never contested his bond between the article published and …omissis…

12. The applicant humbly submits that the Press Act (Cap. 248 of the Laws of Malta) nowhere contains a provision which makes it mandatory that, before the proof of the fact alleged regarding defamation, the plaintiff is to bring proof as to who was the editor of the comment published or broadcasted

13. This premised the applicant submits that although it is true that it is a logical necessity of the procedural norm in terms of Article 562 of Cap. 12 of the Laws of Malta as considered by the Court of First Instance the burden of proof lies always with the person alleging.

14. In the case in question however the proof which the defendant insists had to be brought by the applicant can be assumed. In fact as it clearly results from the records of the cause, the defendant raised no plea regarding the bond between his Article and himself …omissis…

15. Thus the applicant humbly submits that there are other matters from the presumtive inference and this because once the defendant did not contest, with a due plea, the fact that he was not an editor as indicated by the applicant in the institution of these procedures , thus there was no proof to be brought in so far as these facts had to be considered as as accepted.

16…omissis…

17.Thus 'the principle of the onus of proof in this context depends from all the results of the proceedings obtained in any manner, legally acceptable and independently from those of the parties …omissis…

Thus, according to this Honourable Court' nothing is excluded nor the fact that the defendant tacitly approved and what he is now bringing forward as lack of proof'.

18. Illi fejn jirrigwarda l-mertu tal-każ de quo l-esponent jirreferi għan-nota tal-osservazzjonijiet tiegħu prodotta quddiem l-Ewwel Qorti, inkluż il-ġurisprudenza li ċċita kif ukoll għal dak li jirrigwarda l-likwidazzjoni tad-danni …omissis…

19. Għalhekk l-esponent umilment jissottometti illi l-Artikolu in kwistjoni huwa libelluż u għamel malafama fil-konfront tiegħu għaliex bla ma l-konvenut għamel il-verifiki meħtieġa qabel ma ppubblika l-istess Artikolu, bħal ma hu dmir tiegħu, spiċċa pubbliku gidba dwar l-esponent.

Għaldaqstant l-esponent, filwaqt li jagħmel riferenza għall-atti kollha tal-kawża u jirriserva osservazzjonijiet u provi oħra lilu permessi mil-liġi, jitlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tilqa' dan l-Appell, tirrevoka s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fit-23 ta' Marzu 2009, fil-kawża fl-ismijiet premessi, billi tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenut, tilqa' t-talbiet tal-esponent kif dedotti, bl-ispejjeż, taż-żewġ istanzi, kontra l-istess konvenut.

Appellant: 'Margerita', Triq il-Maħsel, Marsaskala.

Appellat: 815, St Joseph High Road, Ħamrun.

Reġistru tal-Qrati Superjuri (Appelli Inferjuri) illum 22 ta' Ġunju 2009.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

18. That as regards the merit of the case de quo the applicant refers to his note of observations brought before the Court of First Instance, including the jurisprudence he quoted as well as regarding the liquidation of damages … omissis…

19. Thus the applicant humbly submits that the Article in question is defamatory and was defamatory in his regard because the defendant without making the necessary enquiries before publishing the same Article, as was his duty, ended up by publishing a lie regarding the applicant.

Thus the applicant, whilst referring to all the records of the cause and reserving other observations and proof permitted by law, prays with respect that this Honourable Court upholds this Appeal, revokes the judgement given by the Court of Magistrates (Malta) on the 23rd March 2009, in the cause in the names premised, by rejecting all the pleas of the defendant, upholds the demands of the applicant as brought forward, with costs of both instances, against the same defendant.

Appellant:' Margerita', Triq il-Maħsel, Marsaskala.

Respondent: 815, St Joseph High Road, Ħamrun.

Registry of the Superior Courts (Inferior Appeals) today 22nd June 2009.

ADV. DR FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1057

Ikun jaf kulħadd illi b'diġriet tal-14 ta' Mejju, 2009 mogħti mill-Qorti tal-Prim Awla Ċivili (Malta), din il-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi tal-Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili (Kap. 12).

Illi b'rikors ippreżentat minn Bernard Zahra de Domenico fl-4 ta' Marzu, 2009, qed jintalab l-iżbank ta' €550.18 b'ċedola numru 2655/2007 fl-ismijiet: Bernard Zahra de Domenico vs Island Promotions Limited.

Il-Qorti ordnat in-notifika ta' dan ir-rikors b'erbat ijiem żmien għar-risposta.

Reġistru tal-Qorti Prim Awla Ċivili (Malta), illum id-19 ta' Ġunju, 2009

ALAN K. ZERAFA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the 14th May, 2009 given by the First Hall of the Civil Courts (Malta), the Court ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according to article 187(3) of the Code of Organization and Civil Procedure (Cap. 12).

That by the application filed by Bernard Zahra de Domenico on the 4th March, 2009, is asking for the withdrawal of €550.18 deposited by Schedule of Deposit number 2655/2007 in the names of: Bernard Zahra de Domenico vs Island Promotions Limited.

The Court ordered the notification of this application with four day notice for filing a reply.

Registry of the First Hall of the Civil Courts (Malta), today the 19th June, 2009.

ALAN K. ZERAFA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta riċiklata — *Printed at the Government Printing Press on recycled paper*